**Fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Malta)**
**Onor. Imħallef Dr. Doreen Clarke LL.D**

**Rikors Ġuramentat Numru 504/2024DC**

***Kevin Busuttil (K.I. Numru 66487M)***

***vs***

***Zlotan Biro (K.I. Numru 0273475A)***

Illum 24 ta' Marzu 2025

**Il-Qorti**

Rat ir-Rikors Ġuramentat tal-attur ippreżentat fis-7 ta' Mejju 2024 permezz ta' liema ppremetta:-

1. *Illi l-esponenti huwa kreditur tal-intimat fis-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000), liema somma hija ċerta, likwida u dovuta in kwantu tirrappreżenta somma li ġiet mislufa lill-esponenti bi qbil li l-istess tiġi imħallsa lura lill-mittenti entru x-xahar ta' Frar 2024 (vide statement ta' trasferiment bankarju tal-flus li għadda l-esponent lill-intimat Dok A);*

2. *Illi l-intimat irrikonoxxa l-ammont dovut u li l-istess kellu jitħallas iżda dan l-ammont għadu sal-lum dovut stante illi ma sarux il-ħlasijiet sabiex titħallas is-somma dovuta ta' €45,000;*

3. *Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet mill-esponenti (vide kopja tal-ittra uffiċjali Dok B) fejn l-intimat anki informa lill-esponent li għamel trasferiment bankarju minn bank esteru, dan ma kienx minnu u s-somma ta' €45,000 sal-lum dovuta mill-intimat lill-esponenti (vide korrispondenza bejn il-partijiet Dok C);*

4. *Illi l-imsemmi dejn huwa veru, ċert, likwidu u dovut u l-intimat m'għandux eċċezzjonijiet x'iġib għat-talba ta' ħlas tar-rikorrenti u għalhekk din il-kawża għandha tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ u skont proċeduri speċjali sommarji.*

U wara li hekk ippremetta, l-attur talab lil din il-Qorti:-

1. *Tiddispensa bis-smiegħ tal-kawża a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara lill-intimat veru, ċert u likwidu debitur versu r-rikorrenti tas-somma ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000);*

3. *Tikkudanna lill-intimat iħallas lir-rikorrenti l-imsemmija somma ta' ħamsa u erbgħin elf Ewro (€45,000) hekk likwidata;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk extra-ġudizzjarji, l-ispejjeż tal-Mandat kontra l-intimat u bl-imgħax sal-pagament effettiv bl-intimat minn issa nġunti għas-subizzjoni.*

Rat id-dokumenti kollha annessa ma'l-istess rikors ġuramentat.

Rat id-digriet mgħoti fit-13 ta' Mejju 2024 permezz ta' liema l-kawża ġiet appuntata għas-smigħ għas-seduta tal-20 ta' Gunju 2024 u l-konvenut ġie ordnat sabiex jidher dak in-nhar u, fin-nuqqas, il-Qorti kienet ser tgħaddi biex tiddeċiedi minnufih il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-attur kif maħsub f'l-artikolu 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-konvenut ġie finalment notifikat permezz tal-proċedura tal-pubikazzjoni u affissjoni; huwa għandu jitqies li ġie notifikat fl-4 ta' Marzu 2025[1].

Rat li l-konvenut naqas li jidher għall-udjenza miżmuma llum u lanqas ippreżenta nota fir-reġistru fit-termini tal-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jattakka l-proċedura tentata bħala waħda mhux regolari jew li ma tgħoddx ghal każ.

Ikkunsidrat

[1] Tlett ijiem tax-xogħol wara l-aħħar pubblikazzjoni.

Illi mir-rikors ġuramentat tal-attur u d-dokumenti hemm annessi mill-liema jrriżulta li l-attur ta lill-konvenut is-somma ta' €45,000 b'self. Jirrizulta ukoll li minkejja li ġie interpellat sabiex iħallas l-konvenut baqa' inadempjenti għalkemm fil-mori ta' dawn il-proċeduri għamel pagament ta' €3,250.

Illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi t-talbiet tal-attur jidhru ġustifikati u, fil-kontumaċja tal-konvenut, wara li l-Qorti rat l-artikolu 170(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tingħata bid-dispensa tas-smigħ skond l-artikolu 167 *et sequitur* tal-istess Kap 12.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(1) **Tilqa' l-ewwel talba** tal-attur billi tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

(2) **Tilqa' it-tieni talba** tal-attur u tiddikjara lill-konvenut debitur tal-attur fis-somma ta' wieħed u erbgħin elf seba' mija u ħamsin euro (€41,750); u

(3) **Tilqa' it-tielet talba** tal-attur billi tikkundanna lill-konvenut jħallas is-somma ta' wieħed u erbgħin elf seba' mija u ħamsin euro (€41,750);

Bl-ispejjez ġudizzjarji u bl-imgħax legali mid-data tal-ittra uffiċjali sad-data tal-pagament effettiv.

**DR. DOREEN CLARKE**
**IMĦALLEF**

**MARVIC PSAILA**
**DEPUTAT REĠISTRATUR**